MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru. 180/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**vs**

**Carmel Xerri**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Carmel Xerri ta’ 53 sena iben John u Filippa nee’ Vella imwieled il-Marsa fis-7 ta’ Marzu 1951, u residenti f’ ‘Josef House’, Triq Viani, Sliema u detentur tal-karta tal-identita’ numru 228351 (M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Fit-28 ta’ Frar 2005 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda ;

a. Iffalsifika biljetti tal-flus kif ukoll mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta’ flus Maltin, meta kien jaf li huma falsifikati ;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 45 tal-Kap 204 u ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

b. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati.
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 46 tal-Kap 204 u ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

c. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ anqas minn mitt lira Maltin (Lm 100) ghad-dannu ta’ Carlo Cini Service Station tal-Marsa, diversi pompi tal-petrol u sidien tal-petrol stations ohra ;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

d. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom Carlo Cini Service Station tal-Marsa u pompi ohra, ghad-dannu tas-sidien ta’ l-istess pompi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok ;
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18, 263,269 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

e. Fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’ reat, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom.
(Dan bi ksur ta’ l-Artikoli 18 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Carmel Xerri sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret defintittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet ukoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 1 ta’ Lulju 2005 fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

a) fl-artikoli 18 tal-Kodici Kriminali u 45 tal-Kap 204 ;
b) fl-artikoli 18 tal-Kodici Kriminali u 46 tal-Kap 204 ;
c) fl-artikoli 18, 308, 309, 310 tal-Kodici Kriminali ;
d) fl-artikoli 18, 334 tal-Kodici Kriminali ;
e) fl-artikoli 18, 261(b) (c) (e) (f), 263, 267, 269, 270, 278, 279 tal-Kodici Kriminali ;
f) fl-artikoli 49, 50, 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza tat-23 ta’ Novembru 2006 l-imputat iddikjara li huwa m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet tad-Difiza.

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti li jirrigwardaw dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fi Frar 2004 il-Pulizija rcevew rapport minghand Carlo Cini is-sid ta’ Cini Service Station, il-Marsa fejn huwa irraporta li fi tlett okkazzjonijiet separati kien skopra fl-automatic fuel dispenser tieghu tlett biljetti tal-hames liri Maltin li kien qed jissuspetta li kienu foloz. Kull banconota ntuzat f’okkazzjoni separata, l-ewwel wahda ntuzat fid-9 ta Frar 2005, it-tieni wahda ntuzat fis-17 ta’ Frar 2005 u t-tielet wahda ntuzat fit-23 ta’ Frar 2005. Din il-pompa tal-petrol kienet atrezzata b’security cameras li mhux biss jinkwadraw lil min ikun qed jutilizza l-magna izda anki b’cameras li jippuntaw lejn l-imput tal-flus u jindikaw ukoll is-serial number tal-banconota li tkun qed tintuza. Fit-tlett okkazzjonijiet in dizamina irrizulta li ntuzat vettura ta’ kulur abjad u tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni IBA 942 liema vettura kienet registrata f’isem certu Mary Xerri. Minn stharrig li ghamlet il-Pulizija rrizulta li din il-vettura kienet qed tintuza mir-ragel ta’ Mary Xerri, u cioe’ l-imputat odjern Carmel Xerri. Wara li nhareg mandat ta’ arrest fil-konfronti tal-imputat, huwa gie arrestat u nterrogat mill-Pulizija u huwa rrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 22 sa 24 tal-process) fejn gharaf lilu nnifsu fir-ritratti mehuda mill-cameras tal-pompa tal-petrol u accetta li fil-granet in kwistjoni kien mar fil-pompa tal-petrol u utilizza biljetti tal-hames liri sabiex jiehu l-petrol mill-automatic fuel dispenser ta’ Cini Service Station izda huwa nnega li kien jaf li l-flus kienu foloz u ma kienx f’pozizzjoni jindika lil Pulizija minn fejn kien gab dawn il-biljetti allegatament foloz.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfronti tal-imputat huma dawk naxxenti mill-Artikoli 45 u 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta liema Artikoli jipprovdu s-segwenti :-

***45.*** *(1) Kull min jiffalsifika xi biljett tal-flus jew imexxi biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li hu falsifikat jista’ jehel, meta*

*jinsab hati, prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn sentejn u mhux izjed minn disa' snin:*

*Izda meta biljett tal-flus falsifikat jitmexxa minn persuna li tipprova li fi zmien li fih gie f'idejha jew fil-pussess taghha ma kienitx taf li kien falsifikat, il-piena tigii ridotta ghal zmien ta' prigunerija ghal mhux anqas minn xahrejn u mhux izjed minn tlett snin.*

*(2) Kull min jaghmel uzu minn xi facilitajiet jew materjal legali biex jimmanifattura xi biljett tal-flus bi ksur tad-drittijiet u l-kondizzjonijiet li tahthom ghandhom jintuzaw dawk il-facilitajiet jew dak il-materjal jista', meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sentejn u mhux izjed minn ghaxar snin.*

**46.** *Kull min minghajr awtorità legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) jixtri jew jircievi minghand xi persuna, jew ikollu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat li jkun jaf li l-istess ikun falsifikat jehel, meta jinsab hati, prigunerija ghal zmien ta' mhux anqas minn tlettax-il xahar u mhux izjed minn hames snin.*

Illi in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza fejn l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat taht l-Artikolu 45, il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni zgur ma rnexxilhiex tipprova li l-imputat iffalsifka l-biljetti ta' flus izda semmai biss li huwa mexxa biljetti ta' flus li kienu falsifikati. Il-proviso tal-Artikolu 45 jipprovdi li fil-kaz ta' persuna li tmexxi biljett falsifikat jekk il-persuna jirnexxilha tipprova li fil-mument li l-biljett falsifikat gie f'idejha hija ma kienitx taf li kien falsifikat il-piena tigi ridotta. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni trid iggib prova li l-imputat kien jaf li l-biljett ta' flus kien falz jew fil-mument li huwa rcevih jew altrimenti fil-mument li huwa mexxa tali biljett. Jekk jigi pruvat li l-imputat kien jaf li l-biljett li huwa mexxa kien falz kemm fil-mument li huwa rcevih kif ukoll fil-mument li huwa mexxieh allura l-piena tkun akbar.

F’dan il-kaz il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kellu fil-pussess tieghu il-biljetti ta’ flus immarkati bhal IJA01, 03 u 05 u din il-prova saret permezz tal-filmati mehuda mill-cameras li kien hemm fil-pompa tal-petrol izda anki ghaliex l-imputat innifsu meta irrilaxxja l-istqarrija li saret refereza ghaliha aktar ‘il fuq gharaf lilu nnifsu fl-imsemmija ritratti u kkonferma li huwa kien utilizza biljetti tal-hames liri sabiex jiehu l-petrol mill-automatic dispensing machine fil-granet lilu indikati. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha wkoll tipprova li l-biljetti mmarkati bhala Dok. IJA 01, IJA 03 u IJA 05 huma foloz (ara xhieda ta’ Joe Bonnici (inserita a fol. 29 u 30 tal-process) li huwa il-Manager tal-Currency Issues Office tal-Bank Centrali ta’ Malta, u cioe’ l-unika istituzzjoni li fiz-zmien in dizamina kellha l-awtorita’ li tohrog valuta legali, fejn dan ikkonferma li s-security tag fuq kull wahda mit-tlett biljetti ta’ hames liri esebiti f’dawn l-atti kienet falsifikata, li ma kienx hemm water mark fuq ebda wahda minn dawn it-tlett biljetti ta’ flus u li kull wahda mill-biljetti ta’ hames liri kellha l-istess serial number. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova wkoll li l-imputat mexxa dawn l-imsemmija biljetti ta’ flus billi utilizzhom fl-automatic fuel dispenser machine. Il-Qorti jidrilha inoltre li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien jaf li l-biljetti minnu utilizzati kienu falsifikati. Kif intqal aktar ‘il fuq l-imputat meta rrilaxxja l-istqarrija sostna li ma kienx jaf li l-biljetti kienu falsifikati izda huwa naqas milli jghid minn fejn kien gab dawn it-tlett biljetti ta’ hames liri. L-istess imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri. L-uzu ripetut fi zmien daqshekk qasir u fl-istess automatic fuel dispensing machine ma jhalli ebda dubju f’mohh il-Qorti li l-imputat ghazel li jutilizza tali magna ripetutament bil-biljetti ta’ flus foloz propju ghaliex kien jaf li huma foloz u ghalhekk il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova li fil-mument li huwa utilizza u mexxa u l-biljetti ta’ flus foloz l-imputat kien jaf li l-istess biljetti kienu foloz. L-imputat qieghed ghalhekk jinstab hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu izda l-piena li ser tigi mposta ser tkun dik stabbilita fil-proviso tal-Artikolu 45(1) stante lli l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova biss li l-imputat kien jaf li l-biljetti kienu foloz fil-mument lli huwa utilizzhom.

In vista tal-fatt li jidher li t-tieni akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza u kif inghad fil-paragrafu precedenti l-imputat qed jinstab hati tal-imsemmija akkuza huwa ser jigi liberat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta’ truffa u frodi inominata u cioe’ ir-reati kontemplati fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fil-fehma tal-Qorti jirrizulta pruvat biss ir-reat kontemplat fl-Artikolu 309 stante li ma gietx pruvata il-messa in scena izda biss li l-imputat kien jaf li l-biljetti ta’ flus kienu foloz izda nonostante cio’ huwa utilizzhom sabiex ikun jista’ jiehu l-petrol mill-automatic fuel dispenser propjeta’ ta’ Carlo Cini sabiex b’hekk qarraq bl-istess Carlo Cini billi hallas bi flus li kien jaf li huma foloz.

Permezz tar-raba’ u l-hames akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta’ serq aggravat bil-mezz, hin u lok u bir-reat ta’ ricettazzjoni izda l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tressaq provi lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat huwa hati tal-imsemmija reati.

Permezz tas-sitt akkuza l-imputat jinsab ukoll akkuzat li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta izda l-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova tar-recidiva u ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammont zghir involut, fis-sens li l-biljetti utilizzati kienu jammontaw kumplessivament ghal hmistax il-lira Maltin u jidrilha li fic-cirkostanzi m’ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda minflok ser tapplika dak li jiddisponi l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 28A, 309 u 310 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tielet akkuza migjuba fil-

konfronti tieghu u tikkundannah disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti tiddikjara lil-imputat mhux hati tar-raba', il-hames u s-sitt akkuza u tilliberah mill-istess akkuzi u stante li t-tieni akkuza nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-imputat qieghed jigi liberat anki minn din l-akkuza.

Wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li l-flejjes esebiti f'dawn l-atti jigu konfiskati u depozitati il-Bank Centrali.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa zmien sitt xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' mija u tlieta u hamsin Ewro u tnejn u disghin Ewro centezmu (€153.92) liema somma tirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------